# IL-Pittur Tuse' Busuttil

Fl-ewwel ġimgħa tas-sena 1994 miet il-Pittur Żejtuni Tuse' (Toussaint) Busuttil fl-għomor ta' 82 sena. Tuse'Busuttil hu l-artist li pitter u ddekora, f'perjodu ta' madwar 35 sena,b'waqfien ta' xi snin, il-parti l-kbira tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun.

Il-ġuvnott Tuse' beda jistudja l-ornat għand l-iskultur Manuel Xuereb tal-Birgu u l-pittura għand il-magħruf Lazzru Pisani li,fit-tqegħid tal-pittura tas-saqaf tal-knisja tan-Nadur,Għawdex ikkonsidrata bħala waħda mill-aqwa opri ta' Pisani,ġie megħjun miż-żagħżugħ Tuse' Busuttil. Pisani tant kellu fiduċja f'Tuse' li mhux l-ewwel darba li wera ix-xewqa li xogħolijiet li hu ma setgħax jagħmel minħabba l-eta' kbira tiegħu, isiru mill-istudent tiegħu Tuse'.

## Kwadri tal-"water colour"

Wara kors ta' erba' snin fl'"Accademia di Belle Arti", Ruma, Busuttil rebaħ il- premju tal-konkors "Calderon", imniedi mill-"British Academy". F'dan il-perjodu,it-tpinġija bit-teknika tal-"water colour" kienet ħafna għal qalb il-pittur Tuse'. Fil-fatt, il-kwadru li bih hu rappreżentat fl' 'International Dictionary of Artists who Painted Malta' hu 'The Wine Ship', xogħol mill-isbaħ fil-'water colour' li Tuse' esegwixxa fl-1936. Veduti u paessaġġi kienu ħafna għal qalb il-pittur Busuttil.

Wieħed mill- ewwel xogħolijiet ta' Tuse' kien is-saqaf tal-Knisja parrokkjali ta' Sannat Għawdex, fejn pitter il-ħajja tal-martri Santa Margerita.Xogħolijiet oħra tiegħu jinsabu f' diversi postijiet. Nistgħu insemmu s-sala l-kbira ta' l-Auberge d'Aragon u l-uffiċċju li dari kien tal-Prim Ministru; kwadri fl-altari laterali fil-parroċċi ta' San Girgor, Sliema; San Ġorġ, Qormi; Ħaż-Żabbar, u oħrajn. Tiegħu wkoll hi l-pittura fil-koppla u lunetti tal-knisja parrokkjali ta' M'Xlokk. Ta' sodisfazzjon kbir kien id-disin li hu għamel għall-bradella tal-Vara ta' Santa Liena, Birkirkara, kif ukoll għall-ventartali tal-fidda fil-Mosta.

## Ħidma fiż-Żejtun.

Niġu issa għall-ħidma tiegħu fiż-Żejtun, raħal twelidu. Nibdew bil-kwadru tat-Duluri fil-knisja ta' l-Ispirtu Santu u d-dekorazzjoni tal-ħnejja fuq l-altar tal- knisja tas-Salvatur.




D & L BOUTIQUE

LADIES AND CHILDREN'S WEAR

TRIQ ID-DULURI, ŻEJTUN.

Tuse' Busuttil ikompli minn p.11

Ma ninsewx id-disinn tal-iskultura rikka taż-żewġ pjanċieri tal-Baned taż-Żejtun. Iżda l-aktar li ħadem Busuttil kien żgur fil- knisja parrokkjali. Beda biex, qabel l-aħħar gwerra,ħażżeż id-disinn tal- ventartali ta' Sant' Andrija. Tiegħu wkoll huma d-disinji tal-gandlieri tal-fidda tal-artal maġġur u tat-terħa rrakkmata tal-artal ta' San Pawl. Tuse' pitter ukoll iż-żewġ kwadri ta' Santa Katerina u San Tumas D'Aquino fl-Oratorju. Il-pittura tal-koppla tal-knisja parrokkjali, xogħol ta' żmien il-gwerra, tirraprezenta id-Doni ta' L-Ispirtu Santu. Taħt il-koppla, l-erba' lunetti jirrapreżentaw erba' Santi Padri: Santu Wistin, San Ġwann Grisostmu, San Girgor u Sant Anastasju. Fil-pittura tas-saqaf Tuse' tana l-ħajja tal-verġni u martri Santa Katerina, u l-arzella principali tirrapreżenta l-glorja tagħha fis-sema. Fuq it-twieqi għandna numru ta' kwadretti alegoriċi tal-virtujiet Insara u bejn it-twieqi, serje twiela ta' qaddisin martri. Żewġ kwadri kbar tal-Profeta David u ta' Santa Ċeċilia, dejjem magħrufa għat-talenti mużikali, iżejnu l-gallerija ta' l-orgni.Fost l-aħħar xogħolijiet tiegħu għandna l-kuppletti u l-lunetti ta' kważi n-navi kollha.

Tuse' Bussuttil hu pittur kontroversjali. Ma ssibx fil-pittura tiegħu d-drammatiċita' tal-pittura barokka. Il-persunaġġi tiegħu huma aktar irposati u kalmi, u aktar jispirawlek devozzjoni. Busuttil jista' jiġi kkonsiderat bħala pittur ta' transizzjoni bejn l-arti tradizzjonali maltija u dik moderna.



# Ma' Ġesu' Ewkaristija

***CORPUS*** - ***Is-Sibt 4 ta' Ġunju***

***5.30*** p.m. Quddiesa
***6.15*** p.m. Puċċissjoni li tgħaddi minn: Triq Santa Katarina, Triq Sant Anġlu u Triq Bon Kunsill
**7.00** p.m. Quddiesa.

***QALB TA' ĠESU'*** - ***Il-Ġimgħa 10 ta' Ġunju***

**9.00** a.m. sas- **6.00** p.m. Adorazzjoni fil-Knisja Parrokkjali.
**6.30** p.m. Quddiesa.
**7.15** p.m. Proċessjoni bis-Sagrament li tgħaddi minn: Triq S. Girgor, Triq Beland, Triq Luqa Briffa,Misraħ Carlo Diacono u Triq Bon Kunsill.

***Inħeġġu lin-nies li joqgħodu f'dawn it-toroq biex jixegħlu l-gallarija tagħhom.***

